MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1585/2005

**Citadel Insurance plc (C 21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Aquatess Marketing Limited u l-istess Aquatess Marketing Limited**

**vs**

**Anthony Desira**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Lulju 2005 li permezz tieghu l-atturi talbu hlas tas-somma ta' erbgha mija u tmienja u hamsin lira Maltija u tmienja (Lm458) rapprezentanti danni sofferti f'incident stradali li sehh fit-18 ta' Dicembru 2004 bejn il-vetturi b'numru ta' registrazzjoni DBL206 U GAM529, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet ta'l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b'l-avviz fit-18 ta' April 2006, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta' erbgha mija u tmienja u hamsin lira Maltija u tmienja (Lm458) b'l-imghaxx u b'l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------